# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/832

## tal-24 ta' Mejju 2022

## li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 jipprevedi li l-Kunsill jaħtar 18-il membru, kif ukoll membri supplenti, għall-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għal perijodu ta' tliet snin. Għal kull mandat, il-membri u l-membri supplenti maħtura mill-Kunsill jridu jirrappreżentaw tmintax-il Stat Membru fl-ordni tal-Presidenzi b'rotazzjoni, membru wieħed u membri supplenti wieħed maħtura minn kull Stat Membru kkonċernat.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 jipprevedi wkoll li il-membri u l-membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija jinħatru b'tali mod li jiġu żgurati l-ogħla standards ta' kompetenza u firxa wiesgħa ta' kompetenzi rilevanti u transdixxiplinari fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi, u li jenħtieġ li l-mira tkun rappreżentanza bbilanċjata bejn l-irġiel u n-nisa fuq il-Bord tat-Tmexxija.

(3) Il-Gvernijiet tal- Ungerija, il-Polonja, id-Danimarka, Ċipru, l-Irlanda, il-Litwanja, il-Greċja, l-Italja, il-Latvja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, is-Slovakkja, Malta, l-Estonja, il-Bulgarija, l-Awstrija, ir-Rumanija u l-Finlandja ippreżentaw nomini lill-Kunsill għall-membri u l-membri supplenti li jridu jinħatru fil-Bord ta' Tmexxija għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2022 sal-31 ta' Mejju 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-persuni li ġejjin huma b'dan maħtura għall-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi bħala membri u membri supplenti għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2022 sal-31 ta' Mejju 2025 biex jirrappreżentaw l-Istati Membri kkonċernati:

RAPPREŻENTANTI TAL-GVERN

| Pajjiż | Membru | Membru Supplenti |
|---|---|---|
| Ungerija | Is-Sa Brigitta GYEBNÁR | Is-Sa Rita NAGYLAKI |
| Polonja | Is-Sur Paweł KOSMULSKI | Is-Sa Karolina MICHALCZYK |
| Danimarka | Is-Sa Kira UITTERDIJK APPEL | Is-Sur Jeppe HOLM NIELSEN |
| Ċipru | Is-Sur Stavros CHRISTOFI | Is-Sur Alexandros ALEXANDROU |
| Irlanda | Is-Sa Jane Ann DUFFY | Is-Sa Deirdre NÍ NÉILL |
| Litwanja | Is-Sa Jolanta SAKALAUSKIENĖ | Is-Sa Greta TUMĖNIENĖ |
| Greċja | Is-Sa Eleni NTALAKA | Is-Sa Sophia NIKOLAOU |
| Italja | Is-Sa Laura MENICUCCI | Is-Sur Stefano PIZZICANNELLA |

([1]) ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

| | | |
|---|---|---|
| Latvja | Is-Sa Ieva JUHŅĒVIČA | Is-Sa Agnese GAILE |
| Lussemburgu | Is-Sa Maryse FISCH | Is-Sa Valérie DEBOUCHÉ |
| Netherlands | Is-Sa Esther VAN DIJK | Is-Sur Michael NINABER VAN EIJBEN |
| Slovakkja | Is-Sa Zuzana BRIXOVÁ | Is-Sur Ján TOMAŠTÍK |
| Malta | Is-Sa Annalise DESIRA | Is-Sa Sasha Na Jeong FARRUGIA |
| Estonja | Is-Sa Lee MARIPUU | Is-Sa Eva Liina KLIIMAN |
| Bulgarija | Is-Sa Irina IVANOVA | Is-Sa Mila NIKOLOVA |
| Awstrija | Is-Sa Jacqueline NIAVARANI | Is-Sa Katja GERSTMANN |
| Rumanija | Is-Sur Dan MOLDOVAN | Is-Sa Maria ULICAN |
| Finlandja | Is-Sa Tanja AUVINEN | Is-Sa Eeva RAEVAARA |

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brusell, l-24 ta' Mejju 2022.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
M. FESNEAU